# Ix-xabla lill-Gvernatur Gort

**Keith Micallef**

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija l-każini tal-banda kellhom rwol importanti fis-soċjetà ta' dak iż-żmien u kienu jservu ta' punt ta' riferiment importanti bejn l-awtoritajiet Ingliżi u l-poplu. Kien żmien li matulu l-każini tal-banda tista' tgħid kellhom rwol li llum għandhom il-kunsilli lokali.

Xhieda ta' dan hi ġrajja importanti li kienet seħħet fl-1944, meta l-attakki tal-għadu fuq Malta kienu battew sew u l-ħajja bil-mod il-mod kienet ġejja lura għan-normal, għalkemm il-gwerra fl-Ewropa kienet għadha għaddeja. Madankollu mill-perspettiva lokali, it-telfa tal-qawwiet tal-Assi fl-Afrika ta' Fuq fil-bidu tal-1943 segwita bl-invażjoni ta' Sqallija mill-qawwiet Alleati f'Lulju tal-istess sena, wasslu biex l-attakki mill-għadu naqsu drastikament jekk mhux għal kollox.

## Il-wasla ta' Lord Gort

Madankollu, sa sena qabel fl-1942, il-gżejjer Maltin kienu taħt attakk kontinwu mill-qawwiet Taljani u Ġermaniżi permezz tal-bażijiet tagħhom fi Sqallija. Kien iż-żmien fejn il-qlubija tal-poplu Malti baqgħet imniżżla fl-istorja, mhux l-inqas permezz tal-għoti tal-George Cross. Żvilupp importanti dak iż-żmien kien il-ħatra tal-Gvernatur John Vereker jew kif kien magħruf l-aktar Lord Gort li wasal Malta fis-7 ta' Mejju tal-1942. Hu kien is-suċċessur ta' William Dobbie. Minkejja li serva biss ftit iktar minn sentejn sa Settembru tal-1946, baqa' mfakkar bħala wieħed mill-iktar Gvernaturi maħbuba, minkejja li Malta kienet għadha kolonja. Xhieda ta' dan kienet il-preżentazzjoni ta' xabla kommemorattiva lill-Gvernatur Gort f'Marzu tal-1944 f'jum li fih il-każini tal-banda kellhom rwol ewlieni.

Mal-wasla tiegħu f'Malta Lord Gort sab ma' wiċċu pajjiż f'xifer il-kollass fejn il-provisti sew ta' munizzjoni, fuel u ikel kienu prattikament spiċċaw. Kien żmien fejn il-biża li Malta kienet se ċċedi kien wieħed reali. B'riżultat tant dan kellu jieħu d-deċiżjoni iebsa li jnaqqas ir-razzjon ta' provisti essenzjali bħal zokkor, ross u ħobż filwaqt li l-bhejjem li ma kienux meħtieġa kellhom jinqatlu minħabba li l-għalf tal-annimali kien skars ħafna. Kien żmien il-Victory Kitchens li għalkemm ma kienux popolari, għal eluf ta' Maltin kienu l-uniku mezz biex jitrejqu. Minkejja dan, kien ċar daqs il-kristall li jekk il-kriżi kienet se ttawwal it-tmiem ta' Malta ma kienx fil-bogħod.

Madankollu, mertu kbir li kellu Lord Gort kien li permezz tal-kuntatti tiegħu f'Londra kien irnexxielu jipperswadi l-Gvern Ingliż biex isir sforz akbar ħalli Malta ma taqax f'idejn l-għadu. Dan kien wassal biex jintbagħtu iktar provisti permezz tal-baħar. Wara li f'Ġunju tal-1942 kienu waslu biss żewġ bastimenti, li ttieħdet id-deċiżjoni li jintbagħat konvoj ta' 14-il bastiment tal-merkanzija fosthom tanker li, kien se jkun

skortat minn żewġ battleships, erba' aircraft carriers, 12-il cruiser u 40 destroyer bil-ħsieb ikun li jasal Malta għal Settembru. B'xorti tajba, is-sitwazzjoni kienet tjiebet xi ftit anki grazzi għall-konvoj ta' Santa Marija u dawn il-pjanijiet baqgħu fuq il-karta. Tant hu hekk li sa sena wara x-xenarju kien kompletament differenti wara l-invażjoni ta' Sqallija u l-armistizju tal-Italja, fit-8 ta' Settembru 1943. Mhux ta' b'xejn li dan beda jissejjaħ bħala t-Tieni Assedju l-Kbir.

— 4 —

SWORD OF HONOUR

PRESENTED BY

BAND AND ALLIED CLUBS IN MALTA & GHAWDEX

Interpreters of the People's Admiration, Gratitude, Devotion and Love

TO HIS EXCELLENCY FIELD MARSHAL THE VISCOUNT GORT V.C.

their great Leader and Governor during the Second Siege of Malta.

DONORS

| | | | |
|---|---|---|---|
| MALTA | | Peace | *Naxxar* |
| Eastern Star | *Attard* | Constitutional | *Pawla* |
| St. Mary | *Attard* | G.M. Fra De Paula | *Pawla* |
| Balzan Youths | *Balzan* | Pinto | *Qormi* |
| Maria Annunziata | *Balzan* | St. George | *Qormi* |
| San Gabriele | *Balzan* | Lourdes | *Qrendi* |
| Duke of Edinburgh | *Birgu* | St. Mary | *Qrendi* |
| Duke of Connaught | *B'Kara* | Count Roger | *Rabat* |
| St. Helen | *B'Kara* | Każin Soċjali | *Kabat* |
| St. Georges | *Bormla* | L'Isle Adam | *Rabat* |
| Dingli | *Dingli* | St. Julian | *San Giljan* |
| Lion Sporting | *Furjana* | St. Nicholas | *Siggiewi* |
| The London W.T. | *Furjana* | Sliema | *Sliema* |
| Vilhena | *Furjana* | Stella Maris | *Sliema* |
| Malta Home Guard | *Gharghur* | Annunziata | *Tarxien* |
| St. Bartholomew | *Gharghur* | Anglo Maltese League | *Valletta* |
| St. Joseph | *Ghaxaq* | King's Own | *Valletta* |
| St. Mary | *Ghaxaq* | La Valette | *Valletta* |
| San Giuseppe | *Hamrun* | St. Georges (Overseas | |
| St. Cajetan | *Hamrun* | League) | *Valletta* |
| San Giuseppe | *Kalkara* | Ghaqda Muzikali | |
| St. Leonard | *Kirkop* | (S. Mikiel) | *Zabbar* |
| Circolo Papa Pio X | *Lija* | Maria Mater Gratiæ | *Zabbar* |
| Liense | *Lija* | Malta Home Guard | *Zebbug* |
| St. Andrew | *Lija* | St. Philip | *Zebbug* |
| Queen's Own | *L-Isla* | Beland | *Zejtun* |
| St. Andrew | *Luqa* | Juventutis Domus | |
| Union | *Luqa* | (S. Familia) | *Zejtun* |
| Imperial | *Mellieha* | Zejtun | *Zejtun* |
| Malta Home Guard | *Mellieha* | Queen Victoria | *Zurrieq* |
| Vittoria | *Mellieha* | St. Catherine | *Zurrieq* |
| King George V | *Mqabba* | GHAWDEX | |
| Lilly | *Mqabba* | Leone | *Rabat* |
| Nicolò Isouard | *Mosta* | The Stella | *Rabat* |
| Melita | *Msida* | Victory | *Xagħra* |

***Il-programm uffiċjali ta' erba' paġni li kien jinkludi lista ta' baned li ħadu sehem f'din l-inizjattiva fosthom is-'San Giuseppe'***

## Xabla kommemorattiva

Lura għall-ġrajja b'rabta mal-għoti tax-xabla lil Lord Gort. Għalkemm din hi dokumentata sew, kien biss dan l-aħħar li għamilt xi riċerka dwarha fuq informazzjoni li waslet għandi mingħand il-Kavallier John Gafa li għaddieli dokument li jmur lura għal din l-okkażjoni.

Dan jikkonsisti f'fuljett ta' erba' paġni li kien ħareġ biex jikkommemora l-avveniment li fl-aħħar paġna tiegħu hemm il-lista tal-każini tal-banda li kienu ħadu sehem. Fosthom insibu ż-żewġ baned Ħamruniżi, dik ta' San Gejtanu u s-Soċjetà Mużikali San Ġużepp.

Minn riċerka li għamilt fl-arkivji tat-Times of Malta, jirriżulta nhar is-7 ta' Diċembru tal-1943 kien tħabbar li prattikament il-każini tal-banda kollha f'Malta u Għawdex, kif ukoll numru żgħir ta' għaqdiet oħra fosthom l-Anglo Maltese League u xi klabbs tal-futbol bħal Balzan Youths, kienu ġabru fondi taħt l-isem ta' 'Band and Allied Clubs in Malta & Għawdex'. B'kollox dawn kienu jammontaw għal 64, u l-lista kollha qed tkun pubblikata f'dan l-artiklu. L-iskop kif għidna kien li tinxtara 'Sword of Honour' biex tkun ippreżentata lil Lord Gort bħala ġest ta' gratitudni, rikonoxximent u ammirazzjoni tal-poplu għall-mod kif kien mexxa l-pajjiż.

Ix-xabla ta' 38 pulzier inħadmet fir-Renju Unit minn Tom Beasley ta' 83 sena, li kellu fama mondjali fil-manifattura tas-skieken - frott karriera ta' 60 sena jagħmel armi bħal din għall-kumpanija Wilkinson Sword. Magħmula mill-fidda, ix-xabla kellha l-arma tal-familja Gort fuq naħa u dik ta' Malta fuq in-naħa l-oħra filwaqt li l-manku kien magħmul mill-avorju u erba' wardiet tradizzjonali li ssibhom fuq l-arma Ingliża. Fuq ix-xafra kien hemm il-George Cross imnaqqax u disinn bil-fjuri u l-kliem '*Presented by the Band and Allied Clubs in Malta and Għawdex, interpreters of the people's admiration and gratitude, devotion and love to H.E. Field-Marshal the Viscount Gort V.C. the great*

*leader and governor during the Second Siege of Malta'.*

Għalkemm iċ-ċerimonja kellha ssir f'Marzu tal-1944, ix-xabla kienet esposta għall-pubbliku fil-librerija nazzjonali fil-Belt u wara f'kull każin li kien ħa sehem f'din l-inizjattiva sa minn Diċembru ta' qabel.

### Jum il-preżentazzjoni – 12 ta' Marzu 1944

Sa fl-aħħar wasal il-jum tant mistenni, il-Ħadd 12 ta' Marzu li fih kellha ssir il-preżentazzjoni f'ċerimonja li saret f'Ħaż-Żebbuġ iżda li kienet fuq skala nazzjonali.

Il-programm beda fit-3pm meta l-Gvernatur Gort telaq mill-Palazz, il-Belt u fi triqtu lejn Ħaż-Żebbuġ ingħata merħba mill-poplu fil-Floriana, fil-Ħamrun, u f'Ħal Qormi permezz ta' ċapċip u tfigħ ta' fjuri.

Fit-3.30pm l-Arċisqof Mikiel Gonzi wasal fid-daħla ta' Ħaż-Żebbuġ fejn ingħata merħba ħdejn il-Bieb ta' De Rohan mill-Banda San Filep.



THE SUNDAY TIMES OF MALTA MARCH 12 1944

"SWORD OF HONOUR" PRESENTATION

*Echo of the Island Fortress' Battle for Survival*

PRESENTED BY THE BAND AND ALLIED CLUBS IN MALTA AND GHAWDEX, INTERPRETERS OF THE PEOPLE'S ADMIRATION, GRATITUDE, DEVOTION AND LOVE, TO H.E. FIELD-MARSHAL THE VISCOUNT GORT, V.C. THEIR GREAT LEADER AND GOVERNOR DURING THE SECOND SIEGE OF MALTA.

HIS EXCELLENCY FIELD MARSHAL LORD GORT V.C.
VICTOR OF MALTA

***Il-preżentazzjoni li kienet ngħata prominenza kbira mill-gazzetta The Sunday Times of Malta fil-ħarġa tat-12 ta' Marzu 1944***

Dil-parti taċ-ċerimonja tidher f'ritratt li silifni l-President Onorarju Gaetano Cristina li kien għaddihulu l-ex surmast direttur tal-Banda San Filep kif ukoll tas-Soċjetà tagħna Mro Philip Gatt. Fih jidher missieru, Mro Adeodato Gatt dak iż-żmien surmast direttur tal-Banda San Filep, kif ukoll missier is-Sur Cristina Giuseppe – it-tieni mil-lemin fuq wara li kien idoqq is-saxaphone.



***Mro Adeodato Gatt tal-Banda San Filep flimkien ma' numru ta' bandisti. Jidher ukoll (it-tieni mil-lemin fit-tieni filliera) Giuseppe Cristina, missier il-President Onorarju tas-Soċjetà Gaetano Cristina, li silifna dan ir-ritratt***

Ftit wara kien imiss lill-Gvernatur, li mal-wasla tiegħu

ngħata tislima permezz tad-daqq tal-fanfarra mir-Royal Malta Artillery. Minn hemm rappreżentanti tal-każini li kienu se jippreżentawlu x-xabla flimkien mal-pubbliku akkumpanjawh sa Pjazza San Filep quddiem il-knisja parrokkjali, waqt li l-banda daqqet il-marċ trijonfali mill-Aida.

Kienu l-3.50pm meta l-Gvernatur tant maħbub ħa postu qalbu l-istandardi tal-64 każin rappreżentat waqt id-daqq tal-God Save The King li kien akkumpanjat mill-kor tal-iskola primarja ta' Ħaż-Żebbuġ fost tixjir tal-bnadar Maltin u dawk tal-Union Jack.



***Lord Gort mal-wasla tiegħu f'Ħaż-Żebbuġ fejn ingħata merħba kbira fost tixjir ta' bnadar Maltin u Union Jacks. Jakkumpanjah hemm il-kappillan ta' Ħaż-Żebbuġ Fr Paul Galea u bejniethom jidher ukoll Dr Philip Farrugia, president tal-Band and Allied Clubs in Malta and Għawdex, li kien ippreżentalu x-xabla kommemorattiva.***

Iċ-ċerimonja bdiet billi l-Professur Philip Farrugia, li kien ippresieda l-kumitat organizzattiv, introduċa lill-Presidenti kollha tal-64 każin li kienu preżenti u wara l-President tal-Għaqda Każin tal-Banda San Filep, Fr Loreto Callus poġġa x-xabla kommemorattiva quddiem palk li ntrama apposta minn fejn saru d-diskorsi.

Fid-diskors tiegħu l-Prof. Farrugia għamel eloġju sħiħ lil Lord Gort. Din li ġejja hi silta mid-diskors li qed nirriproduċi bl-Ingliż bl-iskop ma jintilef xejn mis-sinifikat tiegħu:

*"You share our trials, our dangers and our privations and your presence among us became a light in the darkness, a beacon on the rough seas and the silver lining on the overhanging dark cloud...In the name of our Club and our native town of Żebbuġ, in the name of over sixty clubs of Malta and Gozo, I present to your Excellency a Sword of Honour to bear ever-lasting witness to the admiration, gratitude, devotion and love of George Cross Malta and to be an unfailing prayer that it may guard Your Excellency from all harm. May God bless it!."*

Min-naħa tiegħu Lord Gort irreċiproka u kellu kliem ta' tifħir u għall-gratitudni li wera miegħu l-poplu Malti.

*"I find it difficult to understand why I should be considered worthy of so magnificent a gift because all I have ever tried to do is my duty – my duty to the island fortress and its people whose admiration, gratitude, devotion and love is recorded on this blade and whose sentiments I most sincerely reciprocate...Never shall I forget your spirit in adversity, your loyalty, your unfailing support even when I asked of you serious sacrifices."*

Hu temm id-diskors tiegħu bi kwotazzjoni ta' John Ruskin, kritiku tal-arti famuż Ingliż tal-era Vittorjana:

*"Nothing is permanently helpful to any race or condition of men but the spirit that is in their hearts kindled by the love of their native land."*

Il-preżentazzjoni uffiċjali saret fost atmosfera brijuża u l-applawsi ta' dawk preżenti filwaqt li l-Banda San Filep daqqet marċ li nkiteb għall-okkażjoni bl-isem ta' Sword of Honour, mill-ġdid akkumpanjata mill-kor tal-iskola primarja tal-lokalità.



*Lord Gort bix-xabla f'idu waqt li kien qed isellem lill-folla mill-vettura*

Wara inkixfet lapida kommemorattiva mal-faċċata tal-każin ta' San Filep u l-Gvernatur kellu laqgħa fil-każin mal-membri tal-kumitat. Iċ-ċerimonja intemmet bl-Innu Malti u l-God Save The King.

## Is-sinifikat għas-Soċjetà tagħna

Fl-isfond ta' dan kollu din il-ġrajja storika għandha wkoll bosta tifsiriet għas-Soċjetà tagħna. Wieħed ma jridx jinsa li fis-snin għoxrin u tletin tas-seklu l-ieħor, kif jixhed isimha - dak iż-żmien bħala Societa Filarmonica San Giuseppe - kienet magħrufa li hi pro Taljana. Mhux xi sigriet li r-rabtiet li din kellha mal-kultura Taljana, speċjalment hekk kif bdiet toqrob it-Tieni Gwerra Dinjija bdew iqanqlu ċertu suspetti fost l-awtoritajiet kolonjali. Kien żmien ukoll fejn il-Banda San Ġużepp kien regolarment issiefer Sqallija. Meta faqqgħet il-gwerra kienu bosta dawk li tnaffru u kien hemm qasma fis-Soċjetà.



*Il-karru tas-Soċjetà fl-okkażjoni tal-inkurunazzjoni tar-Reġina Eliżabetta t-Tieni fl-1953, għaddej minn Fleur-de-Lys. Dan il-karru kien klassifikat fit-tieni post f'Malta (Ritratt: Arkivji Nazzjonali)*

Madankollu fis-siegħa tal-prova, is-Soċjetà ħarġet bl-unuri. Mhux biss kienet minn ta' quddiem biex ħadet sehem f'din l-inizjattiva ta' rikonoxximent lill-awtoritajiet kolonjali, iżda ftit tas-snin wara marret oltre, meta klassifikat l-ewwel f'Malta f'kompetizzjoni li kienet saret għall-isbaħ faċċata mżejna, u t-tieni għall-isbaħ karru bil-fjuri tal-karti, fl-okkażjoni tal-inkurunazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II fl-1953.

Żgur li l-kontroversja li kien hemm ftit snin qabel fuq is-simpatiji li s-Soċjetà kellha

fil-kwistjoni bejn il-kultura Taljana u dik Ingliża ma kinitx għadha tkarkar u li dan kien kapitlu magħluq.


**Riferenzi**

The "Sword of Honour": Presentation Ceremony, Lord Gort receives heartfelt tribute. (Marc 13, 1944) *Times of Malta*

Sword of Honour, Presentation to Viscount Gort, V.C, (1943, December 8). *Times of Malta*

The Sword of Honour, Programme of Presentation Ceremony, (1944, March 12). *Times of Malta*

Galea Jo[illegible] (1984, March 11). Forty years ago at Zebbug "Sword of Honour" presentation to Lord Gort. *Times of Malta*

Debono Charles (2014, May 11). Malta honours Lord Gort and the Italian campaign in 1944. *Times of Malta*



